3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament, peress li uffiċjali oħra li jinsabu f’sitwazzjoni identika għal dik tar-rikorrenti kienu ġew estiżi abbażi ta’ ġustifikazzjonijiet li huma stess huma identiċi għal dawk imressqa minn din tal-aħħar fit-talba tagħha għal estensjoni ta’ sena. F’dan il-kuntest, ir-rikorrenti tqajjem ukoll in-nuqqas ta’ osservanza tal-miżuri ta’ diskriminazzjoni pożittivi previsti mir-Regolamenti tal-Persunal sabiex tintlaħaq l-ugwaljanza, peress li dan l-argument huwa sostnut mill-fatt li l-kap tad-delegazzjoni l-ġdid maħtur sabiex jissotitwiha huwa raġel.

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-kontinwità tas-servizz li huwa kriterju essenzjali tad-deċiżjoni ta’ estensjoni, sa fejn ħames persuni oħra ser jitilqu wkoll, fosthom il-kap ta’ kooperazzjoni u l-kap tat-taqsima tal-iżvilupp rurali u tas-sigurtà tal-ikel, żewġ pożizzjonijiet ewlenin għall-kooperazzjoni u għall-iżvilupp. Għalhekk, ir-rikorrenti ssostni li, f’dawn iċ-ċirkustanzi, l-estensjoni ta’ sena tagħha bħala kap tad-delegazzjoni tiżgura l-kontinwità tas-servizz u t-taħriġ ta’ kollegi futuri.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Mejju 2017 – Aldridge *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-319/17)**

(2017/C 249/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Adam Aldridge (Schaerbeek, il-Belġju) u tnejn u tletin rikorrent ieħor (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Tymen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

konsegwentement:

— tannulla d-deċiżjoni tal-15 ta’ Lulju 2016, li tiċħad it-talba għal klassifikazzjoni mill-ġdid tas-16 ta’ Marzu 2016;

— tannulla d-deċiżjoni tat-13 ta’ Frar 2017, li tiċħad l-ilment tal-14 ta’ Ottubru 2016;

— tordna l-kumpens għad-dannu materjali u għad-dannu morali tar-rikorrenti;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq eċċezzjoni ta’ illegalità diretta kontra d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (iktar ’il quddiem l-“OLAF”), tas-16 ta’ Ottubru 2012, li tiġi implementata biss klassifikazzjoni mill-ġdid ta’ darba għall-membri tal-persunal temporanju li għandhom kuntratt għal żmien indeterminat.

   Ir-rikorrenti jqisu li l-imsemmija deċiżjoni hija illegali sa fejn din ġiet adottata bi ksur tal-Artikoli 10(3) u 15 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Kondizzjonijiet tal-Impjieg”), bi ksur tal-ġerarkija tar-regoli kif ukoll bi ksur tal-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. B’hekk, id-deċiżjoni tad-Direttur tal-OLAF, tal-15 ta’ Lulju 2016, li tiċħad it-talba għal klassifikazzjoni mill-ġdid tas-16 ta’ Marzu 2016 kif ukoll dik tat-13 ta’ Frar 2017, li tiċħad l-ilment tal-14 ta’ Ottubru 2016 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjonijiet ikkontestati”) ġew adottati abbażi ta’ deċiżjoni li hija illegali u għaldaqstant għandhom jiġu annullati.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba, prinċipalment sa fejn id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea l-ġodda tal-2014 u tad-dispożizzjonijiet li jillimitaw il-prospetti ta’ żvilupp fil-karriera lil hinn mill-gradi AD12 u AST9 ma huwiex raġuni valida sabiex dawn il-membri tal-persunal temporanju jiġu esklużi mill-organizzazzjoni ta’ eżerċizzji ta’ klassifikazzjoni mill-ġdid.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, sa fejn id-deċiżjonijiet ikkontestati jmorru kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni, indirizzata lill-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, li tipprevedi l-parteċipazzjoni tal-membri tal-persunal temporanju f'eżerċizzji ta' klassifikazzjoni mill-ġdid. B'hekk, il-membri tal-persunal temporanju li għandhom kuntratti għal żmien indeterminat taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka ("JRC") tal-Kummissjoni jibbenefikaw minn sistema ta' klassifikazzjoni mill-ġdid annwali, u dan ir-rikorrenti jsostnu li jikkostitwixxi differenza fit-trattament li ma hijiex ġustifikata.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari sa fejn il-limitazzjoni għal klassifkazzjoni mill-ġdid waħda għal kull karriera ma tikkostitwixxix miżura li tindirizza l-għan deskritt fid-deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2016 li jiġu żgurati l-bżonnijiet tal-OLAF f'perizja speċifika, iżda għall-kuntrarju hija pjuttost ta' natura li ma tippermettix lill-OLAF iżomm fis-servizz tiegħu membri tal-persunal temporanju għal perijodi twal.

---

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2017 – Hautala *et* vs EFSA

**(Kawża T-329/17)**

(2017/C 249/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Heidi Hautala (Helsinki, il-Finlandja), Benedek Jávor (Budapest, l-Ungerija), Michèle Rivasi (Valence, Franza) u Bart Staes (Antwerpen, il-Belġju) (rappreżentant: B. Kloostra, avukat)

*Konvenuta:* L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni konfermattiva tal-EFSA, tal-14 ta' Marzu 2017 li ġġib ir-referenza PAD 2017/005 CA, li tikkonferma d-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' Diċembru 2016 u tas-7 ta' Ottubru 2016 li ġġib ir-referenza PAD 2016/034 sabiex il-parti l-kbira tad-dokumenti mitluba mir-rikorrenti tiġi rrifjutata; u

— tikkundanna lill-EFSA għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-EFSA kisret l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1367/2006 [1] billi ma applikatux għall-informazzjoni mitluba. L-eċċezzjoni għall-iżvelar għall-protezzjoni tal-"interessi kummerċjali ta' persuna naturali jew legali, inkluża l-proprjetà intellettwali", stabbilita fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 kellha titwarrab mill-EFSA u ma kellhiex tiġi applikata għall-informazzjoni mitluba, abbażi tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1367/2006.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-EFSA kisret l-Artikolu 2(4) u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 [2] u l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 178/2002 [3] billi rrifjutat li tiżvela l-informazzjoni mitluba għall-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-proprjetarji tal-istudji, filwaqt li ma tatx prova ta' dannu konkret u/jew ta' riskju reali ta' dannu konkret, bi ksur ukoll tal-Artikolu 4(4)(d) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, fejn hemm previst li eċċezzjoni għall-iżvelar tista' tingħata biss għall-protezzjoni tal-interess ta' "kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali u industrijali, fejn tali kunfidenzjalità hija protetta mil-liġi sabiex jiġi protett interess ekonomiku leġittimu" peress li ebda interess ekonomiku leġittimu konkret ma ġie identifikat u/jew ingħatat prova tiegħu fil-miżura kkontestata.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-EFSA wettqet applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 63(2) tar-Regolament Nru 1107/2009 [4], peress li din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-informazzjoni mitluba u/jew l-iżvelar tal-informazzjoni huwa ta' interess pubbliku superjuri fis-sens tal-Artikolu 63(2) u/jew tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1107/2009.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-EFSA kisret l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 billi ma rrikonoxxietx li jeżisti interess pubbliku superjuri fl-iżvelar tal-istudji u billi ċaħdet il-prova tar-rikorrenti ta' interess pubbliku superjuri fl-iżvelar tal-istudji.